**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru: 457/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs**
**Edward-Alexander Vella**

**Illum, 26 ta' Awwissu, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża migjuba kontra l-imsemmi Edward Alexander Vella, detentur tal-karta tal-identità numru 238382M, li ġie akkużat talli fit-22 ta' Lulju 2018, għal habta ta' 19.00hrs ġewwa l-istabbiliment bl-isem, Tex Mex, sitwat fi Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, kif wkoll fi Triq ix-Xatt, Tas-Sliema,

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, u ċioè ta' Victor Adrian Jonas Hansen, Timmie Jonathan Stefan Silverstranden, Sharlie Erik Owe Persson u Chris Heidi Rosalie Karlsson u persuni oħra, ikkaġuna ħsara fil-ġisem ta' natura gravissima, jew fis-saħħa tal-persuni msemmija, jew ġabilhom disordni f'moħħhom, u li ġew magħmula bi strument li jaqta' jew iniggeż, u dan bi ksur ta' Art. 214, 217, 218 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħadem jew kien impjegat bħala gwardjan privat, gwardjan privat speċjalizzat, jew gwardjan privat f',post ta' divertiment, u ċioè ġewwa l-istabbiliment Tex Mex, sitwat fi Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, jew uffiċjal tal-komunità bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ċioè l-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità jew ta' xi liċenżja maħruġa bis-saħħa tiegħu, u dan bi ksur tal-Artikolu 25(b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-paċi pubblika u/jew il-bon ordni, b'għajjat u/jew bi ġlied, u dan bi ksur ta' Art 338(dd) ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà ta' Victor Adrian Jonas Hansen, Timmie Jonathan Stefan Silverstranden, Sharlie Erik Owe Persson u Chris Heidi Rosalie Karlsson, flimkien ma' piena, u torbot lill-ħati b'obbligazzjoni taħt penali ta' somma ta' flus, li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali permezz ta' liema, bagħat lill-imputat biex jiġi ġġdikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 214, 215, 218, 217, 216(1)(b), 216(1)( ċ) u 216(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- 25(b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta u
- 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li l-każ jitkompla bi proċedura sommarja;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti proċesswali;

**Ikkunsidrat;**

Illi dan il-każ jirrigwarda inċident li seħħ nhar it-22 ta' Lulju 2018, ġewwa l-istabbiliment Tex Mex, fi Triq ix-Xatt, Sliema, u kif ukoll barra, fit-Triq ix-Xatt, Sliema, f'liema inċident kienu involuti l-imputat, Victor Adrian Jonas Hansen, Timmie Jonathan Stefan Silverstranden, Sharlie Erik Owe Persson u C,hris Heidi Rosalie Karlsson u persuni oħra. F'dan l-inċident, soffrew ġrieħi Victor Adrian Jonas Hansen, Timmie Jonathan Stefan Silverstranden, Sharlie Erik Owe Persson u Chris Heidi Rosalie Karlsson.

**Provi Prodotti**

Illi xehdu diversi matul is-smigħ ta' din il-kawża.

**Dottor Keith Sammut** xehed permezz ta' affidavit, fejn ikkonferma li eżamina lil Timmie Silverstranden fit-22 ta' Lulju 2018, u sab li kien qed isofri minn ksur tal-għadma tal-imnieħer, u laċerazzjoni ftit 'il fuq mill-minkeb tal-lemin. Spjega li dawn il-ġrieħi huma ta' natura gravi.

**Dottor Jeffrey Bonnici** wkoll xehed permezz ta' affidavit, fejn spjega li eżamina lil Victor Hansen fit-22 ta' Lulju 2018, u li dan kien qed isofri minn ferita inċiżjonali ta' madwar 8-10 ċm, fuq il-parti ta' quddiem tal-ispalla l-leminija, kif

ukoll b'qasma fil-muskoli tal-istess spalla. Kompla jispjega li n-natura ta' dawn il-ġriehi hija gravi.

**Sharlie Erik Owe Persson** xehed li fit-22 ta' Lulju 2018, huwa kien, flimkien mal-famija tiegħu, fir-ristorant Tex Mex, u kienu qed jixorbu u jieklu. Qal li huwa spiċċa fi ġlieda ma' żewġt irgiel. Spjega li huwa mar it-*toilet,* u huh Timmie Jonathan Stefan Silverstranden, kien mar qabblu. Spjega li huwa mar lura fuq il-mejda u kien qed jiehu sigarett, filwaqt li jitkellem ma' ommu. Qal li Timmie u Victor Hansen hargu jiċċekjaw fuq ix-xarabank, u x'ħin reġgħu ppruvaw jidħlu, huwa nnota li dawn ma tħallewx jerġgħu jidħlu ġor-ristorant. Spjega li dak il-ħin, huwa qam minn fuq il-mejda u mar jara x'kien ġara. Kien f'dan il-mument li huwa safa aggredit. Sostna li huwa laqqat varji daqqiet, u li ommu ppruvat twaqqaf li jibqa' jingħata d-daqqiet. Sostna li anke Victor ipprova li jwaqqaf dak li kien qed iseħħ, iżda sussegwentement wara dan kollu, ġew il-Pulizija.

Sostna li huwa ġie aggredit maġenb l-entratura tar-ristorant, filwaqt li għaraf lill-aggressur tiegħu bħala l-imputat preżenti fl-awla. Ikkonferma li kien hemm persuna oħra flimkien mal-imputat. Spjega li l-inċident waqaf għal ftit minuti, u mbagħad tkompla barra mir-ristorant, u ċioè fit-triq.

In **kontroeżami**, huwa spjega li dakinhar huwa kien xorob ftit *drinks.* Qal li kien xorob *mango drink* wieħed, u *strawberry daiquiri* wieħed. Kien ilu jixrob għal madwar xi siegħa. Sostna li qabel kien fuq id-dgħajsa tal-*Captain Morgan.* Huwa qal li kien liebes *T-shirt*, u Timmie ma kienx liebes *T-shirt*.

**Timmie Jonathan Stefan Silverstranden** xehed li fit-22 ta' Lulju 2018, huwa kien mar mal-familja tiegħu ġewwa l-Blue Lagoon, Kemmuna, u wara li waslu lura Malta, marru t-Tex Mex biex jieħdu ftit *drinks* u jieklu. Sostna li huwa kien il-ħin kollu mingħajr *T-shirt.* Wara ftit, huwa qam biex imur it-*toilet*, u ma ġiex awtorizzat jagħmel dan mingħajr *T-shirt.* Kien għalhekk li huwa ssellef il-flokk ta' ħuh. Spjega li kollox kien sew. Imbagħad kien ħareġ biex jiċċekja fuq ix-xarabank, peress li riedu jaqbdu x-xarabank minn tas-Sliema għal Qormi. Sostna li x'ħin ipprova jidħol ġor-ristorant, huwa ma ġiex awtorizzat, għax kien għal darb' oħra bla *T-shirt*. Sostna li kienu ilhom hemm għal madwar xi siegħa. Sostna li kienu sitt persuni jieklu u jixorbu flimkien.

Spjega li dak il-ħin, x'ħin ma tħalliex jidħol lura, kien waħdu għal bidu, iżda imbagħad ġie Victor, li wkoll beda jsaqsi r-raġuni għalfejn ma kienx qed jitħalla jidħol. Imbagħad, bdiet ġlieda. Huwa spjega li jitkellem bl-Isvediż, u jaf ftit kliem bil-lingwa ta' Bosnia. Sostna li qabel ma' mar jagħmel il-verifiki dwar ix-xarabank, ma kien hemm l-ebda problemi, u lanqas kienu ġew imwissija mill-*management* tar-ristorant. Sostna li huwa ġie attakkat x'ħin ipprova jerġa' jidħol fir-ristorant. Qal li l-ewwel bdew jagħtu d-daqqiet lil Sharlie, billi qabżu fuqu u daħluh ġewwa fejn ommu. Imbagħad taw xebgħa lilu, u bdew jiġġieldu wkoll ma' Victor. Spjega li dan kollu beda fl-entratura tar-risotrant, iżda mbagħad, kompliet

fir-ristorant ukoll għaliex Sharlie ġie mkaxkar fir-ristorant. Meta mistoqsi jekk huwiex jagħraf lil xi ħadd fl-awla, huwa ma għaraf lil ħadd.

In **kontroeżami**, huwa kkonferma li meta kienu l-Blue Lagoon, huwa kien xorob xi ftit birra. Sostna li huwa kien ilu jixrob għal madwar erba' sigħat, iżda kien qed jieħu birra waħda fis-siegħa. Sostna li fit-Tex Mex huwa xorob *mango drink* wieħed, u *strawberry daiquiri* wieħed. Ikkonferma li huwa ma kienx liebes flokk. Ikkonferma wkoll li meta kien sejjer it-*toilet,* huwa ġie mitlub jilbes flokk. Huwa kien issellef flokk minħabba f'hekk.

**Victor Adrian Jonas Hansen** xehed li fit-22 ta' Lulju 2018, huwa kien fuq dgħajsa ta' *Captain Morgan,* u marru Kemmuna. Ħadu ftit birra u kielu, u wara, x'ħin irritornaw lura, huma marru Tex Mex. Kielu u xorbu, iżda fl-aħħar spiċċaw f'argument. Spjega li ma tħallewx joqgħodu mingħajr *T-shirt*, iżda dan ma seħħx mill-bidu. L-ewwel kienu nfurmawhom li ma setgħux ikunu bla flokk, iżda tawhom permess joqgħodu bla flokk jekk joqgħodu fil-parti ta' barra. Spjega li biex jidħlu ġewwa, kienu qalulhom li riedu jilbsu flokk. Spjega li għalhekk Timmie u Sharlie sellfu l-flokk lil xulxin, sabiex ikunu jistgħu jmorru fit-*toilet*.

Kompla jixhed li ftit tal-ħin wara, Timmie ħareġ biex jiċċekja dwar ix-xarabank u huwa segwieh. Spjega li meta Timmie reġa' rritorna lura, kien bla flokk. Huwa kien fejnu dak il-ħin, u ġew infurmati li Timmie ma setax jidħol lura. Minn hemmhekk, inbdiet il-ġlieda. Ix-xhud għaraf lill-imputat bħala l-persuna li kien involut f'din il-ġlieda. L-inċident seħħ preċiżament fil-post qabel ma' tidħol ġewwa r-ristorant. Spjega li bdew jiġu aggrediti, u għalhekk huma ddefendew irwieħhom billi taw daqqiet lura jew imbottaw. Ikkonferma li f'xi ħin, ġie Sharlie, li wkoll ġie aggredit. Iżda lil Sharlie beda jaggredih raġel ieħor. Spjega li kien hemm żewġ *security guards* li kienu qed jagħtu d-daqqiet. Qal li huwa ddeffes fin-nofs biex dawn jieqfu jagħtuh. Spjega li wara dan kollu, huwa ħareġ ipejjep barra, iżda x'ħin kien fl-*outside area* tar-ristorant, huwa ra li reġgħu ħarġu barra u bdew jiġġieldu ma' Timmie. Spjega li mbagħad, hu ġie milqut fi spalltu bi flixkun tal-ħġieġ.

In **kontroeżami**, huwa spjega li huwa kien xorob xi ftit birra waqt il-vjaġġ lejn Kemmuna u lura lejn Malta. Spjega li jista' jkun li ħa tmien bottijiet birra. Ikkonferma li kien hemm żewġ *security guards,* iżda huwa kellu l-argument ma' wieħed biss.

**Robert Zahra** xehed li huwa l-*manager* ta' Tex Mex f'Tas-Sliema. Spjega li fit-22 ta' Lulju 2018, huwa kien għadu dieħel xogħol, qisu għal xis-sitta u nofs jew is-sebgħa neqsin kwart. Spjega li kif wasal, ġie nfurmat mill-istaff, li kien hemm erba' min-nies li kienu ilhom jixorbu, u bdew idejqu xi klijenti. Spjega li huwa ħa deċiżjoni li jagħtihom l-aħħar *round* u jagħtihom il-kont. Spjega li dawn ħallsu l-kont, u huwa daħal 'il ġewwa. Sostna li l-istaff kienu nfurmawh li dawn il-persuni kienu fis-sakra. Sostna li min kien hemm xogħol, kien avża lil dawn il-persuni biex jilbsu l-flokkijiet u dawn irrifjutaw. Spjega li huma għandhom *poliċy* li kulħadd irid ikun liebes diċenti.

Spjega li dan l-istabbiliment huwa *bar* u *lounge* kollox inkorporat. Spjega li l-wejter ġabret il-flus, u huwa daħal 'il ġewwa. Iżda sa x'ħin dahal 'il ġewwa, inqala' pandemonju shih. Sostna li dawn in-nies qabdu jiġġieldu, u l-ġlieda nfirxet sew. Sostna li huwa ċempel lil RIU biex jiġu mill-ewwel. Sostna li tal-inqas, ċemplu darbtejn għall-assistenza. Sostna li l-ġlieda kompliet teskala. Kompla jixhed li l-klijenti telqu, u mbagħad ġew il-Pulizija. Spjega li l-inċident eskala bejn il-bieb u t-terrazin fuq il-*paveway*. Imbagħad l-inċident tkompla fit-triq. Sostna li preżenti kien hemm tfajla wejter u wieħed Milosh. Spjega li l-oħrajn kienu ġewwa ġol-bar. Spjega li l-imputat kien jaħdem magħhom bhala *security,* u kien jgħin fil-bar. Sostna li huwa qatt ma ċċekja jekk kienx hemm ħtieġa ta' liċenzja sabiex wieħed ikun *security.*

In **kontroeżami,** huwa kkonferma li dawn il-klijenti kienu qed idejjqu lin-nies. Spjega li ġie nfurmat li dawn kienu bla flokkijiet. Ikkonferma li kien l-imputat li talbu biex iċempel lill-Pulizija.

In **rieżami,** huwa kkjarifika li l-atteġġjament ta' dawn il-klijenti kien fis-sens li kienu qed iqumu u jmorru fuq in-nies, jitolbu sigaretti lin-nies, jippassjaw id-*drinks* lil nies oħra. Spjega li klijenti oħra li kienu bilqiegħda, kienu qed jiddejqu. Huwa sostna li ma kienx jaf jekk il-persuni tal-mejda ta' ħdejhom kinux magħhom jew le.

F'seduta oħra, Robert Zahra spjega li d-data ta' meta seħħ l-inċident, ma jiftakarhiex, iżda jaf li kien qabel Santa Marija. Il-ħin kien xis-sitta u nofs jew is-sebgħa ta' filgħaxija. Jiftakar li seħħ xi darba f'Lulju. Huwa kkonferma li l-Pulizija ġabru l-filmati, u in fatti, ġiet mgħoddija *USB stick* bil-filmat lill-Pulizija. Ikkonferma li kien l-imputat li ċempel lill-Pulizija qabel ma l-inċident aggrava ruħu.

**Marco Muscat** xehed li huwa l-operatur tal-istabbilimet Tex Mex. Sostna li dwar ingaġġar ta' persuni, il-*manager* iktar ikollu informazzjoni. Huwa għaraf lill-imputat bħala impjegat tiegħu. Sostna li l-imputat kien qisu parti mill-familja tiegħu. Kien jgħin imma l-iktar rwol li kien jagħmel kien ta' *security,* u kien anke jgħin wara l-bar.

**Dottor David Agius** xehed permezz ta' affidavit, fejn spjega li huwa eżamina lil Sharlie Erik Owe Persson u sab li dan kien qed isofri minn ġriehi ta' natura gravi.

**L-Ispettur Sarah Magri** xehdet li minn riċerka li saret fuq isem l-imputat, irriżulta li l-imputat kellu liċenzja mal-*Police Licensing Office,* iżda din kienet valida sal-5 ta' Lulju 2015. Spjegat li minn wara dak iż-żmien, l-imputat qatt ma reġa' applika, u qatt ma ġedded din l-istess liċenzja ta' *security guard.*

**CO 684 Gemma O' Aka** xehdet li hija tahdem mal-LESA , San Gwann, fil-*Control Room.* Spjega li hija rċeviet telefonata mill-Għassa tal-Pulizija tas-Sliema, peress li riedu xi filmat minn CCTV li hemm fejn iċ-Checkers. Ġie mitlub il-filmat tat-22 ta' Lulju 2018, bejn is-sebgħa neqsin kwart u t-tmienja neqsin kwart. Spjegat li ntbagħtet *email*, u hija għaddietha lil tal-IT li jieħdu ħsieb li jagħmlu *downloading* tal-filmat. Sussegwentement imbagħad, dan il-filmat inġabar mill-Pulizija.

**L-Ispettur Bernardette Valletta** ippreżentat CD bil-*footage* provdut mil-LESA tad-data tat-22 ta' Lulju 2018, mis-sebgħa neqsin kwart sat-tmienja neqsin kwart. Sostniet li dak il-ħin, il-*camera* kienet qed tiffoka fuq il-*Bus Stop.*

F'seduta oħra, l-Ispettur Valletta ppreżentat *USB Stick,* li ġiet mgħoddija lil Pulizija mill-*manager* ta' Tex Mex, Robert Zahra, fit-23 ta' Lulju 2018.

**Malcolm Zerafa** xehed li huwa jaħdem mal-Malta Tourism Authority. Sostna li huwa qed jeżebixxi il-*Catering License* ta' Tex Mex, li hija ta' *restaurant second class,* u kif ukoll il-*Wines and Spirits License,* li f'dan il-każ, dan l-istabbiliment għandu anki permess għal *amplified musicg.* Jista' jibqa' miftuh sal-erbgħa ta' filgħodu.

**PC1314 Raymond Ambrogio** xehed li huwa ġie msejjah biex jirraporta barra t-Tex Mex, minħabba li kien hemm ġlieda fit-22 ta' Lulju 2018. Ir-rapport daħal għal ħabta tas-sebgħa u kwart ta' filgħaxija. Qal li l-ewwel marru l-iskwadra tal-RIU, u huwa wasal ftit minuti wara. Huwa sab wieħed ferut ħdejn ir-*Ruin Pub,* u ftit metri 'l bogħod fejn sar l-argument, sab tliet persuni oħra feruti. Spjega li huwa kellem mill-ewwel lill-*head barman,* li huwa l-imputat. Spjega li meta staqsa lill-imputat x'jagħmel, huwa kien qallu li *head barman.* Qal li kellem ukoll lil *manager* Robert Zahra.

Spjega li l-imputat spjegalu li kien hemm erba' persuni li dehru li kienu xurbana, u li wieħed minnhom kien bla flokk. Spjega li l-imputat qallu li dawn bdew jittantaw xi nies li jkunu għaddejjin minn fuq il-bankina hdejn l-istabbiliment. Sostna li l-imputat qallu li meta mar jiġbed l-attenzjoni ta' wieħed mill-persuni li kien bla flokk, qam argument, u dawn in-nies ħebbew għall-imputat. Sostna li l-imputat infurmah li mnalla kien hemm xi ħadd qabeż għalih, għax kien jaqla' daqqtejn. Sostna li huwa baqa' jinsisti mal-imputat dwar kif spiċċaw b'dawk il-feriti dawn il-persuni. Sostna li l-imputat infurmah li wieħed minn dawn il-persuni, kien tefa' *dustbin ashtray,* u huwa tefagħha lura bil-konsegwenza li laqtu.

Kompla jgħid li l-imputat qallu li lil wieħed biss kien laqat, mentri lill-oħrajn, huwa ma kienx jaf min weġġagħhom. Sostna li huwa mbagħa ħa ħsieb li l-feruti jintbagħtu l-isptar, u kienu gew tliet ambulanzi. Ingħataw l-ewwel kura fuq il-post, u mbagħad ittieħdu l-isptar. Ikkonferma li t-Tex Mex jinsab f'Tas-Sliema fi Triq ix-Xatt. Sostna li huwa tkellem ma' omm tnejn mill-feruti. Sostna li huwa

ma tkellimx mal-feruti fuq il-post, għax kienu eċitati. Ikkonferma li l-vittmi kienu fis-sakra. Anke l-omm kienet fis-sakra. Sostna li kemm l-imputat, u kif ukoll Robert Zahra, li kkoperaw miegħu. Ikkonferma li l-ġrieħi kienu gravi peress li wieħed kellu ġrieħi f'imnieħru, u l-ieħor kellu l-ispalla miftuħa. Huwa kien ra lill-feruti fis-sakra, u anke xamm riħa ta' xorb fuqhom.

**PC 828 Steve Camilleri** xehed li huwa kien flimkien mas-Surgent 1314, meta rċivew telefonata li kien hemm xi feruti fejn il-Medasia fil-front tas-Sliema. Qal li meta marru fuq il-post, kien hemm uffiċjali tal-RIU, u xi nies feruti. Huwa qagħad mal-feruti u jassisti lit-tim mediku, biex ma jkunx hemm terzi persuni li jgħaddu minn hemmhekk. Sostna li kien erba' persuni feruti.

**PC 538 Raymond Azzopardi** xehed li fit-22 ta' Lulju 2018, għal ħabta tas-sebgħa u kwart, ġew infurmati mill-*Control Room,* li kien hemm argument ġewwa Tex Mex, Tas-Sliema. Huwa mar ma' PC 1413 fuq il-post, u sabu raġel mimli dmija ma' wiċċu, u malli ġie mitkellem, dan infurmahom li kien ġie aggredit minn xi ħadd ġewwa t-Tex Mex. Sostna li dan ir-raġel ferut kien flimkien ma' mara, u kien maġenb it-tinda tal-istabbiliment. Sostna li kien hemm nies pajżana li ndikawlhom fejn iktar 'il fuq fit-triq, kien hemm persuna oħra midruba. Sostna li fuq in-naħa l-ohra tat-triq, kien hemm persuna oħra midruba li kienet qed tiġi assistita. Sostna li b'kollox kien hemm tlieta midruba. Sostna li huwa baqa' hemm sakemm il-persuni feruti ttieħdu bl-ambulanza. Sostna li huwa kien mar hemmhekk bħala assistenza għal tad-distrett.

**PC 1413 Antoine Agius** xehed li fit-22 ta' Lulju 2018, kien għal ħabta tas-sebgħa u kwart meta hu u PC 538, ġew infurmati mill-*Control Room* li kien hemm argument gewwa t-Tex Mex, Sliema. Spjega li meta waslu hemm, huma ma rawx l-argument iseħħ. Li osservaw kien li fil-ġenb ta' Tex Mex, kien hemm tfajla u ġuvni, u l-ġuvni kien bla flokk, u kellu dmija ma' wiċċu. Spjega li meta kellmu lil dawn il-persuni, dawn infurmawhom li kellhom argument ġewwa t-Tex Mex, u li kellhom żewġt iħbieb oħra li ġew feruti. Spjega li imbagħad, persuna oħra ndikatilhom fejn kien hemm persuna oħra feruta. Spjega li din il-persuna kellha xi dmija ma' wiċċha. Sostna li talbu l-assistenza tal-ambulanza. Huwa baqa' hemm sakemm waslet l-ambulanza. Sostna li meta staqsew lil dawn il-persuni ma' min kellhom l-argument, dawn qalu biss li kellhom argument fit-Tex Mex.

**Dottor Keith Borg** xehed fejn eżebixxa tliet traduzzjonijiet tad-depożizzjoni ta' Victor Adrian Jonas Hansen, Timmie Jonathan Stefan Silverstranden u Sharlie Erik Owe Persson.

**Joseph Saliba** in rappreżentanza tal-JobsPlus xehed li l-imputat, qatt ma kien reġistrat bħala impjegat ma' Tex Mex.

**Karen Scicluna** xehdet li hija ma tiftakarx id-data, iżda kienet qed tiekol. Hi kienet qed tiekol fil-bar ta' magenb it-Tex Mex. Sostniet li f'daqqa waħda, bdew jisimgħu l-għajjat, u raw tlieta jiġġieldu, għax kien hemm mara u żewgt irġiel. Sostniet li hija rat żewgt irġiel jiġġieldu, u mara tipprova tferraqhom. Sostniet li dawn baqgħu jagħtu u mbagħad, ġie raġel ieħor barrani u raġel ieħor Malti, u dawn ukoll bdew jagħtu. Sostniet li kien hemm dmija u twerżiq. Sostniet li ntuża wkoll ponn tal-ħadid u tażża tal-ħġieġ. Spjegat li l-ponn tal-ħadid kien għand wieħed xagħru iswed, mentri t-tazza kienet għand wieħed bla xagħar.

Hija għarfet lill-imputat bħala l-persuna li kellu f'idu t-tazza tal-ħġieġ. Sostniet li l-imputat kellu tazza f'idu, kissirha u daħħalha fl-ispalla ta' wieħed mill-irġiel. Sostniet li hija rat din ix-xena ħdejn il-bieb wara li semgħet it-twerżiq. Sostniet li hija kienet f'tarf ta' ħanut ieħor bl-isem ta' Medasia. Spjegat li kien hemm ħġieġ bejn stabbiliment u ieħor. Sostniet li kienet qed tara, *tipo* mingħajr il-ħġieġ għaliex hija kienet bilqegħda fit-tarf ħdejn in-naħa tal-bieb. Ix-xena li għadha kemm rat, ratha fil-kuritur u mhux minn ġol-ħġieġ.

Ikkonfermat li l-ġlieda mxiet naqra. Sostniet li rathom ħarġu f'nofs ta' triq. Sostniet li kien hemm barrani li telaq jiġri ġo bar maġenb il-Medasia. Sostniet li hija ma tafx min beda l-ġlieda. Ikkonfermat li hija rat li l-persuna tal-ponn tal-ħadid tagħti xebgħa lil wieħed barrani ġo wiċċu. Ikkonfermat li rat lill-persuna tal-ponn tal-ħadid jersaq qrib lejn l-imputat, iżda ma ratux jagħti lill-imputat. Ikkjarifikat li l-ewwel rat lill-imputat u lill-barrani jagħtu. Kien hemm il-mara qed tofroqhom. Imbagħad ġie dan ir-raġel barrani ta' xagħru iswed, li qisu ġie jkompli l-ġlieda. Hija ma ratx lil dan il-barrani jwaddab oġġetti.

Ikkonfermat li hija rat dik il-biċċa tal-inċident li seħħet fejn il-bieb, u rat tat-triq ukoll. Hija ma ratx x'ġara qabel u x'ġara wara. Hija sostniet li ma tafx jekk dawn il-persuni barranin kinux fis-sakra. Hija sostniet li rathom jixxenglu bid-daqqiet li qalgħu. Kien hemm tliet barranin, imbagħad mara u barrani u Malti. Sostniet li l-persuna Maltija nvoluta, huwa l-imputat. Ikkonfermat li rat lill-imputat barra fit-triq jiġġieled. Sostniet li kienu mingħajr flokkijiet. Insistiet li dak il-ħin tal-ġlieda, hija kienet qed tħares biss lejn il-ġlieda. Hija sostniet li ma rat l-ebda tank taż-żejt jintefa' mill-barranin. Hija lanqas rat xi tank taż-żejt fl-art. Sostniet li jekk dan it-tank intrema fejn hemm l-imwejjed, hija ma ratux. Hija rat biss dak li ġara quddiem il-bieb u fit-triq. Sostniet li l-imputat kien *security* għaliex kien liebes l-iswed. Sostniet li hija kienet rat lill-imputat mal-bieb. Ma kellux fuqu xi identifikazzjoni.

**Clydon MiCallef** xehed li qabel il-festa ta' Santa Marija, huwa kien fir-ristorant ta' ħdejn fejn ġara l-inċident, u ċioè ħdejn it-Tex Mex. Huwa kien bilqegħda quddiem it-tfajla, u raw konfużjoni sħiħa, għajjat u n-nies bdew jagħtu. Ra dmija wkoll. Sostna li ra persuna bla xagħar tiġġieled ma' persuna oħra u ttih bil-ponn. Sostna li ġie persuna oħra, u mill-but ħareġ ponn tal-ħadid. Din il-persuna kellha x-xagħar, u ta daqqa ta' ponn lil dan il-barrani f'wiċċu. Sostna li ommu kienet qed tgħajjat u tibki, u qalbuha mal-art. Sostna li l-persuna ta' bla xagħar baqa' jissielet magħhom. Spjega li l-ġlieda donnha birdet, iżda l-persuna fartasa qabad

tazza u faqqagħha. Qal li mbagħad jara lill-barrani b'ħotba ġo dahru bid-demm nieżel, jiġri n-naħa l-oħra lejn il-*Black Gold* għall-għajnuna.

Spjega li qabel ma' ra din il-ġlieda, ma kienx hemm għajjat. Sostna li ġew diversi karozzi tal-Pulizija, u huwa avviċina lill-Pulizija fejn kien qalilhom li l-persuna bil-ponn tal-ħadid, kien mar lejn in-naħa tal-*Black Gold.* Huwa għaraf lill-imputat. Sostna li huwa jiftakar li kien hu l-persuna fartasa, u li anke dakinhar kien liebes in-nuċċali. Huwa sostna li ma sema xejn jekk l-imputat kienx ċempel lill-Pulizija. Ikkonferma li l-Pulizija waslu wara l-inċident.

Spjega li huwa kien sejjer iferraqhom, iżda t-tfajla ma ħallitux. Sostna li huwa ra x-xena fejn kienu bdew jiġġieldu. Huwa ma ra xejn dwar tixħit ta' *ashtray* jew tank taż-żejt. Huwa ma kienx jaf x'kien qed jiġri ġewwa t-Tex Mex. Ikkonferma li t-tinda tat-Tex Mex hija trasparenti.

**PS 1010 Andrea Zahra** xehed li ġew mgħajjta mill-*Control Room* biex jagħtu l-assistenza tagħhom ġewwa t-Tex Mex. Sosnta li meta wasal fuq il-post, kien hemm PC 538 u 1413, li nfurmawh x'kien ġara, u ċioè li sakemm waslu huma, il-ġlieda kienet ikkwietat. Qal li kif wasal huwa, sab ambulanza, u li kien qed jiddewwa xi raġel barrani. Sostna li fl-ambjenti in kwistjoni, ra biċċiet qishom *plastics* imkissrin. Sostna li huwa ra li l-*barman* kien qed jiġi mitkellem mill-Pulizija. Il-kollegi tiegħu kienu nfurmawh b'dan il-fatt.

**Dottor Mario Scerri** xehed fejn spjega li huwa kien eżamina lil Victor Adrian Jonas Hansen l-għada tal-inċident. Dan kellu jiġi operat għaliex kellu leżjoni fuq id-driegħ tax-xellug. Dan kellu *complete tear* tal-*long head* tal-*biceps* u *partial tear* tal-*head* tal-*biceps.* Spjega li eventwalment, ġie rilaxxat mill-isptar. Eżamina wkoll lil Timmie Jonathan Stefan Silverstranden li kellu abrażjonijiet kompatibbli ma' *blunt trauma*, *orbital haematoma* madwar l-għajn il-leminija assoċjata ma' abrażjoni, u fuq l-aspett laterali tan-naħa tal-lemin tal-imnieħer, kellu ġrieħi friski u kompatibbli ma' *blunt trauma* wkoll. Sostna li kellu laċerazzjoni fuq l-aspett laterali tad-driegħ tal-lemin, kompatibbli ma' leżjoni magħmula minn strument bil-ponta. Kellu wkoll laċerazzjoni fuq *supra orbital reach* tal-għajnejn.

Spjega li eżamina wkoll lil Sharlie Erik Owe Persson, li kellu laċerazzjoni fuq *supra orbital reach* tax-xellug, liema laċerazzjoni tista' tibqa' marka permanenti fil-wiċċ. Spjega li dan kellu xi abrażżjonijiet u tbenġil, kompatibbli ma' *blunt trauma.* Eżamina wkoll lil Chris Heidi Rosalie Karlsson, li kellha laċerazzjoni fuq l-aspett laterali tal-*lamber region* magħmula minn strument bil-ponta, assoċjata ma' żewġ tbenġiliet kompatibbli ma' *blunt trauma.* Kellha wkoll evidenza ta' *grip mark* fuq id-driegħ tax-xellug, u tbengil kompatibbli ma' *grip* marks u kellha tbenġila fuq l-aspett posterjuri tat-tarf ta' fuq tal-id ix-xellugija, kompatibbli ma' *blunt trauma.* Sostna li dawn il-leżjonijiet fuq dawn il-persuni, huma kompatibbli ma' swat u użu ta' strument li jaqta' u bil-ponta.

**Dottor Martin Bajada** xehed li huwa ġie nkarigat fl-inkjesta miftuħa sabiex jigbor *CCTV footages,* joħroġ *stills,* jagħmel estrazzjoni minn fuq żewġ ċellulari, u jiġbor xhieda ta' nies li kienu ser isiefru dakinhar stess. Huwa ppreżena r-rapport relattiv.

**Odelsie Vella Bayliss,** *Probation Officer,* xehdet li r-rapport li ppreparat, huwa wiehed pożittiv. Spjegat li l-imputat dejjem ikkopera, u li l-ħajja tiegħu hija stabbli. Huwa jaħdem *self-employed,* u jaħdem fuq bażi *part-time.* Għandu relazzjoni tajba mal-familja tiegħu, u għandu fejn joqgħod. Fil-passat kien hemm vizzju ta' *gambling,* iżda kien attenda laqgħat, u dan il-vizzju m'għadux preżenti f'ħajtu. Huwa ssottometta ruħu għal testijiet tal-urina, u dejjem irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti. Qatt ma kellu kuntatt mal-Isptar Monte Carmeli jew ma' xi psikjatra.

Jista' jkun li jistgħu jiġu ndirizzati problemi emozzjonali li għandu dwar kif iġib ruħu f'ċertu sitwazzjonijiet. Spjegat li dawn jistgħu jiġu ndirizzati tramite terapija, biex b'hekk l-imputat jibqa' dejjem miexi fit-triq it-tajba. Sostniet li l-fedina penali hija waħda nadifa.

**Ikkunsidrat;**

**L-ewwel imputazzjoni**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni dedotta fiċ-ċitażżjoni, l-imputat qed jiġi akkużat li kkawża offiża ta' natura gravissima fuq il-persuni ta' Vivtor Adrian Jonas Hansen, Timmie Jonathan Stefan Silverstranden, Sharlie Erik Owe Persson u Chris Heidi Rosalie Karlsson. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, l-artikoli li saret referenza għalihom mill-Avukat Ġenerali, huma l-Artikoli 214, 215, 216 (1)(a)(ii), 216(1)(b), 216(1)( ċ), 216 (2), 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi d-difiża tallega li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, nbeda minħabba l-atteġġjament tal-parte ċivile li kienu fis-sakra, u li ma kinux qed iġibu ruħhom sew. Ġie argumentat li l-ġlieda bdiet wara li uħud mill-parte ċivile ġew imwissija li jridu jilbsu flokk biex jidħlu ġo l-istess stabbiliment. Id-difiża sostniet li l-imputat aġixxa biss *in legittima difesa*, in vista tal-fatt li huwa kellu tliet persuni li qed jattakawh.

Illi dwar il-*legittima difesa*, din il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti ġurisprudenza.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro, deċiża fis-26 ta' Awwissu 1998, intqal li:

*Mhux kull minn "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.*

Fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Clint Zammit, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, deċiża fid-19 ta' Mejju, 2014, ingħad:

*"L-imputat eccepixxa id-difiza ta' self defence ghar-rigward din l-akkuza. Persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.*

*Fil-fatt l-Artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:*
*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

*Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.*

*Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Micallef' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:*

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-feritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha."*

*F'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li: "Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur."*

*Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi*
*perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.*

*Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-Professur Mamo fin-Noti tieghu tal-ligi penali jghid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Psaila' jinghad li:*

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli.*

*Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995, fil-kawża fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila,** jingħad fuq dina l-iskriminanti s-segwenti:

> *"Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."*

Dwar il-leġittima difeża, huwa interessanti wkoll dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-każ fl-ismijiet, il-Pulizija vs David Farrugia, deċiż fis-26 ta' Mejju, 2016.

Illi minn dawn l-insenjamenti, jemerġi li d-difiża trid tkun saret sabiex jiġu evitati konsegwenzi, li jekk javveraw ruħhom, jikkaġunaw ħsara irreparabbli lill-imputat. L-imputat irid jipprova li dak li għamel, għamlu biex jevita il-perikolu li ma setax jiġi evitat b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu ried ikun attwali, ta' dak il-ħin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel, jew ta' xi perikolu li jista' jseħħ aktar tard, għax dan jista' jagħti lok biss għall-provokazzjoni, u mhux difiża leġittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, ċioè li f'dak il-mument li kien qed iseħħ, ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor.

In oltre, l-element ta' inevitabilità jiġi nieqes meta wieħed, minflok ma' jevita l-inkwiet, (meta dan ikun jista' b'mod raġonevoli jiġi hekk evitat), imur jaffrontah. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fis-sentenza mogħtja fil-kawża, Repubblika ta' Malta vs Martina Galea, fl-14 ta' Jannar 1986, intqal li:

> *"…. huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could".*

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tqisx li mill-provi prodotti, tali difiża tirnexxi. Minn dak li semgħet bħala provi, din il-Qorti, partikolarment iż-żewġ

xhieda okulari li xehdu f'dawn il-proċeduri, u ċioè Karen Scicluna u Clyden Micallef, kif ukoll mis-*CCTV footage* eżebit fl-atti ta' din il-kawża, ma jirriżultax li l-aġir tal-imputat kien neċessarju biex jiġi evitat perikolu, li ma setax jiġi evitat b'mod ieħor. Minn eżami tal-assjem tal-provi proċesswali, inkluż il-filmati meħuda mis-CCTV's, il-Qorti setgħet tasal għal dik li kienet id-dinamika tal-inċident. Meta qam l-argument verbali, dan eskala u l-imputat baqa' jaffaċċja lill-parte ċivile, nonostante li huwa kien waħdu, u meta mbagħad ġie fejnu l-persuna l-oħra li ġiet deskritta mix-xhud okulari bħala persuna b'xagħar iswed, l-imputat iktar għamel l-arja. Fil-filmat, jidher il-mod kif flimkien mal-persuna l-oħra li ġiet tagħtih daqqa t'id, baqa' jagħti lil wieħed mill-parte ċivile. Fil-filmat jidher ukoll, kif il-parte ċivile Chris Heidi Rosalie Karlsson, giet imbuttata u mwaqqa' ħalli titneħħa min-nofs, peress li kienet qed tipprova tferraq il-ġlieda.

Jidher ukoll mill-filmat, kif nonostante li l-parte ċivile ħargu mill-*outside area* tal-istabbiliment, l-imputat baqa' jħares lejn fejn kienu qegħdin fuq barra fit-triq u kisser tazza, filwaqt li sussegwentement, minflok daħal ġewwa l-istabbiliment, għażel li joħroġ bit-tazza f'idejh, u jkompli jiġġieled. Mill-filmat jidher ukoll ftit mil-ġlied li kompla għaddej fit-triq, nonostante li l-imputat fil-mument li l-ġlieda kienet ikkalmat, u l-parte ċivile kienu ħarġu 'l barra, seta' għażel li jidħol ġewwa u jikkalma, minflok ma' jkisser it-tazza u joħroġ għall-parte ċivile fit-triq.

Huwa minnu wkoll li fil-filmat, jirriżulta li xi hadd mill-parte ċivile, tefa' xi oġġett fid-direzzjoni fejn kien hemm l-imputat. Madanakollu, dan assolutament ma jiskużax l-aġir tal-imputat, li jidher tant evidenti u ċar fil-filmat eżebit. L-imputat, wara li beda jassistih il-persuna l-oħra tax-xagħar iswed, li skont ix-xhud okulari kellha ponn tal-ħadid, għamel iktar arja, minflok ma' pprova jevita li l-ġlieda tiskala. Agħar minn hekk, l-imputat qabad u kisser tazza biex jużaha bħala arma, kif fil-fatt għamel skont ma' xehdet b'tant eżattezza Karen Sċiċluna, u spiċċa korra b'mod gravvissimu, lil Victor Hansen.

Illi għalhekk huwa ċar, li anke kieku kienu l-parte ċivile li ħolqu xi perikolu lill-imputat, l-imputat seta' waqaf mill-atteġġjament tiegħu meta l-ġlieda kienet ikkalmat, u mhux kisser it-tazza u kompla jattaka, bil-konsegwenza li spiċċa korra gravament lil Hansen. Konsegwentement, ma jistax jingħad li l-agir tal-parte ċivile, ħoloq xi perikolu li ma setgħax jiġi evitat bl-ebda mod ieħor mill-imputat.

Il-Qorti tqies għalhekk, li f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-imputat ma jistax jinvoka l-iskriminanti tal-leġittima difeża.

Fuq nota oħra, id-difiża argumentat li r-reat ravviżżat fl-ewwel imputazzjoni, huwa skużabbli taħt l-Artikolu 227(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi dwar eċċess ta' leġittima difiża. Dwar din il-linja difensjonali, il-Qorti tqis li ġialadarba il-fatti f'dan il-każ, ma jinkwadrawx ruħhom fl-elementi li jridu jiġu ppruvati mill-imputat, sabiex id-difiża tal-leġittima difiża tkun invokata b'suċċess, lanqas ma tista' tissussisti d-difiża tal-eċċess tal-leġittima difiża. Dana peress li biex ikollok l-eċċess tal-leġittima difiża, l-ewwel u qabel kollox, irid

ikollok każ ta' leġittima difiża fejn l-elementi kollha ta' din id-difiża, huma sodisfatti skont il-liġi. Fil-każ odjern, din il-Qorti kkonkludiet li l-elementi tal-leġittima difiża, ma japplikawx, għaliex il-minaċċja li allegatament sofra l-imputat, ma kinitx inevitabbli. Sabiex ikollok l-eċċess tal-leġittima difiża, wieħed irid jara l-ewwel, jekk iċ-ċirkostanżi tal-każ jinkwadrawx ruħhom f'każ ta' leġittima difiża, u jekk iva mbagħad, il-Qorti tara jekk ir-reazzjoni kinitx waħda proporzjonata jew le għall-minaċċja. Però, jekk wieħed jasal għall-konklużjoni, kif ġara f'dan il-każ, li m'hemmx leġittima difiża, ma jistax jikkonsidra sussidjarjament l-eċċess tal-leġittima difiża. Jekk m'hemmx leġittima difiża, wieħed ma jistax jitkellem dwar eċċess ta' leġittima difiża (Ara Qorti tal-Appell Kriminali, 14 ta' Jannar, 2015, Il-Pulizija v. Daniel Briffa).

**Ikkunsidrat;**

Illi kif diġà ntqal fir-rigward tal-imputazzjoni issa in eżami, l-imputat qed jiġi akkużat li kkawża ġrieħi gravi u/jew gravvissimi, kif definiti fl-Artikolu 216 (1)(a)(ii); 216(1)(b) u 216(1) (ċ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-aggravju predispost fl-Artikolu 217 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn il-ġrieħi seħħew fuq 4 persuni.

Madanakollu, hemm kwistjoni oħra, li qabel xejn trid tiġi riżolta f'dawn il-proċeduri, li hija min kien l-awtur ta' dawn id-delitti. Dana qed jingħad peress li f'dan il-każ, irriżulta mill-filmat eżebit, u anke mix-xhieda okulari, inklużi xhieda ta' uħud mill-parte ċivile, f'din il-ġlieda kien hemm involuta persuna oħra bix-xagħar iswed u li kellu ponn tal-ħadid, hekk kif ġie deskritt. Mill-filmati, dan seta' wkoll jiġi kkonstat.

Din il-Qorti tqies li mill-provi prodotti, b'mod partikolari minn dak li xehdu l-parte ċivile Hansen, Karen Scicluna u Clydon Micallef, tressqet prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li kien proprju l-imputat li kkaġuna l-ġrieħi fuq il-persuna ta' Hansen.

Mill-banda l-oħra, din il-Qorti ma tqisx li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli mill-Prosekuzzjoni, li l-ġrieħi sofferti mit-tliet parte ċivile rimanenti, ġew effettivament, ikkaġunati bl-azzjoni tal-imputat. Huwa minnu li fil-filmat, l-imputat jidher qed jagħti daqqiet lil wieħed minn dawn il-parte ċivile, kif ukoll huwa minnu wkoll li l-parte ċivile Chris Heidi Rosalie Karlsson, tidher li anke twaqqgħet mal-art. Iżda ġialadarba jirriżulta, kemm mill-filmat u mix-xhieda okulari, li kien hemm dan ir-raġel ta' xagħru iswed u liebes ponn tal-ħadid, il-kweżit li qed jibqa' jberren ġewwa moħħ din il-Qorti, huwa jekk effettivament, il-ġriehi sofferti mit-tliet parte ċivile l-oħra, kinux effettivament ikkaġunati tort tal-aġir tal-imputat, jew tort tal-aġir tal-persuna l-oħra b'xagħarha iswed, li mhiex parti minn dawn il-proċeduri. Ix-xhieda mogħtija minn Silverstranden u Persson, lanqas ma tagħti xi dawl fuq dan il-kweżit. Il-Prosekużżjoni baqgħet ma ressqitx provi li jwasslu għal dak il-konvinċiment neċċessarju, biex din il-Qorti ssib ħtija fl-imputat.

Għaldaqstant, din il-Qorti sejra ssib ħtija dwar l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-ġrieħi kkaġunati lil parte civile Hansen, biss.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi għall-klassifikazzjoni tal-ġrieħi sofferti minn Hansen. Il-klassifikazzjoni ta' grieħi ai fini tal-Artikoli 216 u 218 tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija kwistjoni ta' natura legali, li għandha tiġi determinata mill-Qorti.

F' Il-Puliżija vs Joseph Azzopardi, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fit-30 ta' Lulju 2004, intqal li:

> *"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza"..."*

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għall-każ fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut,** deċiża fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiża fuq il-persuna:

> *"Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".*

Fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Joseph Apap, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fit-8 ta' Frar 2018, saret referenza għas-segwenti ġurisprudenza:

> "*Illi l-principji li jirregolaw il-klasifikazzjoni ta' griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti f'l-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza*
> *huwa pacifiku li:*
>
> *Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-*

*kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*

Fin-nota ta' rinviju għal gudizzju, l-Avukat Ġenerali ndika l-Artikolu 218 b'mod ġenerali, però m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-Artikolu 218 jinkludi wkoll, referenza għall-Artikoli 216 u 221, in kwantu reati minuri, kompriżi u involuti f'dak prospettat fl-Artikolu 218.

L-Artikoli 216 u 218 fuq imsemmija jipprovdu li:

***216.(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin***
***-(a) jekk tista' ġġib periklu -(i) tal-ħajja; jew (ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew (iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella (iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;***
***(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;***
***(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;***
***(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;***
***(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.***

***(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.***

***218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin***
***-(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;***
***(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;***
***(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.***

***(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem,u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesupermanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.***

***(3) Il-pieni għar-reati msemmija fis-subartikolu (1) għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-artikolu 312(2), kemm-il darba l-offiża fuqil-persuna tkun saret bil-mezz ta' likwidu jew sustanza li jesplodu.***

Illi din il-Qorti tqis li l-leżjoni sofferta minn Victor Hansen, kienet ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216(1) (a) (ii).

Illi fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni, l-imputat huwa addebietat bl-aggravju prospettat fl-Artikolu 217, ċioè żieda fil-piena jekk l-offiża tkun ġiet ikkawżata *b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korrożiv.* Illi mill-provi, jirriżulta li intużat tażża tal-ħġieġ imkissra biex ġew ikkaġunati l-ġrieħi ta' Hansen. Tenut kont li t-tazza mkissra kienet f'idejn l-imputat, huwa l-imputat li kkawża din l-offiża gravi fuq Hansen.

**Ikkunsidrat;**

**It-Tieni Imputazzjoni**

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat li ħadem jew kien impjegat bħala gwardjan privat f'post ta' divertiment, bi ksur tal-Artikolu 25(b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat ma xehedx f'dawn il-proċeduri, iżda fl-istqarrija rilaxxata, huwa sostna li kien *barman* f'dan l-istabbiliment, iżda ġieli kienu jinkarigawh jagħmel dak li jkun hemm bżonn, inkluż li joqgħod jikkontrolla lill-klijenti. Ir-rappreżentant tal-JobsPlus spjega, li l-imputat ma kienx reġistrat li qed jaħdem mal-istabbiliment Tex Mex. Uhud mix-xhieda rreferew għall-imputat bħala li kien qed jaħdem ta' *Security,* mentri oħrajn xehdu li l-imputat identifika ruħu bħala *Barman.*

Il-Qorti qieset ix-xhieda li ngħatat minn Marco Muscat u Robert Zahra, fis-sens li l-imputat kien jaħdem bħala *Security Officer.* Qieset ukoll ix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tal-*Police Licensing Office,* minn fejn irriżulta li l-imputat fiż-żmien li seħħ l-inċident, ma kellux liċenżja biex jaġixxi bħala *Security Officer.* Il-Qorti qieset ukoll il-mod kif ġab ruħu l-imputat, fis-sens li kien ċar li huwa kien *in charge* li jikkontrolla dak li jkun qed jiġri fl-istabbiliment, biex kollox jibqa' taħt kontroll.

Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ġiet ukoll ippruvatha.

**Ikkunsidrat;**

**It-Tielet Imputazzjoni**

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat kontravvenzjonali prospettat fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ċioè il-ksur tal-bon ordni u l-paċi pubblika. Din il-kontravenzjoni taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija dik li fil-Liġi Ingliża hija *'a breach of public peace'.* Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumità tagħhom waqt l-inċident. Fil-kawża, Il-Pulizija vs Pio Galea, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-17 ta' Ottubru 1997,a deċiża fis-17 ta' Ottubru 1997, fejn intqal li biex jissussisti dan ir-reat:

> *"irid ikun hemm, bħala regola, għemil voluntarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanżi li fihom dak l-għemil jseħħ, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita fiżika ta' persuna kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita ta' reażżjoni għal dak l-għemil."*

Illi bla dubju, permezz tal-aġir tiegħu, l-imputat, li flimkien ma' persuna oħra, agredixxa lill-parte ċivile, waqt li kien hemm terzi persuni, jikkostitwixxi ksur ta' bon ordni u paċi pubblika, kif hawn deskritt.

**Ikkunsidrat;**

Illi dwar il-piena, din il-Qorti ħasbet fit-tul rigward il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat. Min-naħa l-waħda, il-Qorti għandha quddiemha imputazzjonijiet li ġew ippruvati u li huma serji, u min-naha l-oħra għandha quddiemha fedina penali nadifa, u guvni, li l-Qorti tagħraf ukoll li huwa guvni bil-għaqal u bla vizzji. Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni *s-Social Inquiry Report,* li huwa wieħed pożittiv ħafna.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, in kwantu tirreferi għal offiżi ta' natura gravi fir-rigward tal-persuni ta' Timmie Jonathan Stefan Silverstranden, Sharlie Erik Owe Persson u Chris Heidi Rosalie Karlsson, u kif ukoll li ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, in kwantu tirreferi għall-offiża ta' natura gravissima fit-termini tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-rigward ta' Victor Adrian Jonas Hansen, u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216(1)(a) (ii), 217 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 25(b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, in kwantu

tirreferi għall-offiża ta' natura gravi fil-konfront ta' Victor Adrian Jonas Hansen; tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, tpoġġih taħt **Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin,** bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti kontestwalment.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż kollha peritali nkorsi, liema spejjeż jammontaw għas-somma ta' €1,821.09, liema ammont ghandu jigi mhallas mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum. F'każ li tali ammont jew parti minnu, ma jitħallasx, jiġu kkonvertiti fi priġunerija ai termini tal-Liġi.

In oltre, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, biex tipprovdi għas-sigurtà tal-parte ċivile, Victor Adrian Jonas Hansen, u għaż-żamma tal-ordni pubblika, qed **torbot lill-imputat, b'obligazzjoni tiegħu nnifsu, għal perjodu ta' sena, taħt penali ta' elfejn Ewro (€2,000),** u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju, l-import ta' din is-sentenza, u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien tliet snin, u jekk ma joqgħodx għall-ordnijiet lilu mogħtija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza, lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation.

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**